Minuti tal-laqgħa numru għoxrin (20) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) msejħa b'urġenza u li nżammet nhar it-Tnejn, 9 ta' Frar, 2026 fil-Muniċipju tar-Rabat, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat, fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| ON-LINE: | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| UFFIĊJALI: | Dr Claire Bonello LL D | Avukat |
| | Dr Joseph Zammit LL D | Avukat |

20.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba. Hu rringrazzja lil kul min kien preżenti anke on-line tal-kontribut tiegħu biex ikun salvat il-Wied t'Għeriexem. *Presedenza*

20.02 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi kellna laqgħa informali nhar is-6 ta' Frar dwar dan il-punt mal-uffiċjali tal-festi ta' San Pawl u ta' San Ġużepp li ħatru lil Dr Joseph Zammit biex jirrappreżentahom. Wara ssejħet laqgħa oħra bejn l-Avukati, s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv nhar il-Ħadd, 8 ta' Frar, 2026 fl-4.00pm. Hawn ġiet mistiedna Dr Claire Bonello biex tgħin lil Kunsill f'din il-kwistjoni. *Laqgħat Passati*

20.03 Għal din il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill ġew mistiedna l-istess avukati fejn wara li spjegaw b'mod ġenerali, Dr Bonello daħlet fid-dettal ta' kull applikazzjoni li ssottomew għal dan is-sit. *Ħarsa Ġenerali*

Għal korrettezza qed nannetti d-dokument miktub minn Dr Claire Bonello li bgħatet għal informazzjoni tagħna bħala Kunsill. Dawn il-punti t'hawn taħt ġew kollha spjegati waqt il-laqgħa.

- PA/01485/96: Rehabilitation of existing farmhouse. – Approved.

- PA/04835/02: Rehabilitation and extension to existing farmhouse. – Approved.

- DN/00699/07: To construct a pump room. – Accepted.

- Enforcement Notice EC/00046/08: Demolition of existing farmhouse not according to approved plans in PA 4835/02 which permitted only the restoration of the same farmhouse. - Suspended.
- PA/01313/08: Amendments to PA 4835/02 (Rehabilitation and extension to existing farmhouse). Application calls for the construction of a farmhouse over one floor since existing rooms were collapsed during works- Originally Refused by Planning Commission.

- Applicant **appealed from refusal** of PA 1313/08 to EPRT
- EPRT approved PA 1313/08 on the 24th October 2018 for FIVE years (until 24th October 2023);

PA 3147/23 (filed on 1st March 2023) Renewal of PA1313/08. (Amendments to PA4835/02 (Rehabilitation and extension to existing farmhouse). Application calls for the construction of a farmhouse over one floor since existing rooms were collapsed during works). Rabat Local Council filed objections and filed a petition signed by 800 residents against the proposal.

- Legal Notice 66 of 2025 – published on 1st April 2025 – stated that permits expiring between 1st January 2023 and 9th November 2023 would now be valid until 31st December 2026.

- PA 3147/23 was WITHDRAWN by applicant on the 11th April 2025.

- As a result, PA 1313/08 which was valid until 24th October 2023 now became valid until 31st December 2026.

- As a result of the above extended validity, the Local Council and residents who had objected to the renewal (which is equivalent to extension of validity) could no longer participate in the planning process (by objecting and appealing). The right to object and appeal is protected by law (Chapter 552 and Chapter 551 of the Laws of Malta).

- It is proposed that a lawsuit be filed requesting Court to reintegrate (restore) the Local Council and objectors to the legal state in which they were before the legal notice was enacted. A request for the issue of a warrant of prohibitory injunction could be filed contemporaneously with the lawsuit asking Court to stop the works until the lawsuit is decided.

20.04 Dr Claire Bonello bdiet mill-applikazzjoni PA/04835/02 fejn qalet illi din l-applikazzjoni fuq ir-riabilitazzjoni u l-estenzjoni tar-razzett kienet approvata. PA4835/02

20.05 Dr Claire Bonello irreferiet ukoll għall-applikazzjoni PA1313/08 fejn kien rifjutat ir-riabilitazzjoni u l-estenzjoni tar-razzett minħabba li l-kmamar kienu kkrollaw waqt ix-xogħlijiet. Din l-applikazzjoni kienet irrifjutata mill-Kummissjoni tal-Ippjanar u l-applikant appella. Fl-appell it-Tribunal qaleb id-deċiżjoni u ħareġ il-permess fl-24 ta' Ottubru, 2018 għal ħames snin bħas-soltu. Dan ifisser li kien validu sat-23 ta' Ottubru tal-2023. Rifjut ta' applikazzjoni

20.06 L-Awtorità tal-Ippjanar permezz ta' Avviż Legali 66 tal-2025 ippubblikat fl-1 ta' April, 2025 estendiet il-permessi li kienu jagħlqu bejn l-1 ta' Jannar 2023 u d-9 ta' Novembru, 2023 sal-31 ta' Diċembru tal-2026. Dan il-permess, permezz tar-renewal li kien imdaħħal fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar permezz tal-PA 3147/23 li jirreferi għall-PA1313/18 daħal kexxun fil-perjodu. PA1313/18

20.07 Sadanittant fuq l-istess sit kien hemm applikazzjoni oħra mal-Awtorità tal-Ippjanar (PA4835/02) 3147/23 biex issir riabilitazzjoni u estensjoni tar-razzett. Din kienet iffirmata minn madwar 800 resident permezz tal-intervent tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. PA4835/02

20.08 Matul din il-laqgħa ġie diskuss x'inhi t-triq li l-kunsill jista' jaqbad. U l-aktar waħda plawsibli għandha tkun illi l-KLR jagħmel mandat ta' inibizzjoni. Dan il-pass jista jittieħed peress li l-Kunsill u l-firmatarji tal-petizzjoni ttieħdilna d-dritt li noġġezzjonaw u nappellaw u dan imur kontra l-ispirtu tal-Kapitlu 552 tad-Development Act. Din id-deċiżjoni ittieħdet għaliex se jkun hemm preġudizzju irriversibbli u l-Wied ta' Għeriexem se jinbena kollu minħabba dan Mandat ta' Inibizzjoni u Kawża fil-Qrati ta' Malta

l-iżvilupp li se jkollu effett domino. Il-kawża se ssir kontra l-Avukat tal-Istat u s-Sidien tal-art.

20.09 Għad-domanda li saret lill-Dr Claire Bonello jekk is-sidien jistgħux ifittxu lill-Kunsill Lokali tar-Rabat, intqal illi s'issa l-ebda' żviluppatur m'għamel kawża għad-danni anke fuq proġetti massiċċi biex jieħu kumpens minn xi NGO għax dak hu dritt fundamentali li wieħed joġġezzjoni anke fil-Qrati. Tfittxija għad-danni

20.10 Dr Joseph Zammit intervjena u talab lill-Kunsill Lokali tar-Rabat sabiex jinvolvi NGO's nazzjonali biex jitfa' aktar piż fuq il-ġudikant ġaladarba se tinfetaħ kawża. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li ma jaqbilx biex il-każ ikun kontrollat direttament mil-Kunsill filwaqt li qal li aktar jippreferi li jinkludi l-involviment tal-Kunsill Lokali tal-Imdina kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa peress li dan il-Wied imiss magħhom u kwalunkwe żvilupp jaffettwa lilhom. Dwar din tal-aħħar kien hemm qbil mil-kunsillieri preżenti. NGO's/ Kunsill Lokali Mtarfa/ Kunsill Lokali Mdina

Is-Sur Rudolph Grima ħareġ mil-laqgħa fis-7.35pmu qabel telaq qal li hu jaqbel mal-proposta li ddiskutiet mal-Kunsill Dr Claire Bonello u jħares 'il quddiem biex naslu għal din id-deċiżjoni.

20.11 Wara li qatgħu minn fuq il-linja kemm Dr Claire Bonello kif ukoll Dr Joseph Zammit, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus staqsa lill-kunsillieri jekk jaqblux li jkollna l-avukat tagħna wkoll fuq din il-kawża u ssuġġerixxa lil Dr Richard Sladden. Il-Kunsillieri qablu però, is-Sindku ħeġġeġ lil kulħadd biex jipproponu avukat tax-xewqa tagħhom. Il_Kunsillier Terence Sant u l-Viċi Sindku urew l-interess għal din il-proposta u qalu fil-laqgħa li ser iressqu isem lill-Kunsill. Avukat tal-Kunsill

20.12 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm. Aġġornament

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 18 ta' Frar 2026 minn Sandro Craus
Segretarju Eżekuttiv Sindku